



Nru 8,011 | Il-Ħadd 7 ta' Mejju 2017 | €1.00

Gazzetta ta' ispirazzjoni Kattolika
maħruġa nhar ta' Ħadd
mill-Azzjoni Kattolika Maltija

# Il-Leħen

**Nazzjonali** 2
Il-Madonna ta' Pompej

**Internazzjonali** 6
Paċi stabbli u dejjiema

**Opinjoni** 10
L-etika fil-ħajja pubblika

**Il-Kelma** 24
Għejjun ta' ilma frisk

Il-Parlament xolt

## Elezzjoni Ġenerali fit-3 ta' Ġunju

Il-Parlament ġie xolt mill-1 ta' Mejju li għadda. Ix-xoljiment tal-Parlament sar mill-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca wara li fil-Palazz Sant'Anton, dakinhar stess filgħaxija, irċeviet lill-Prim Ministru Joseph Muscat.

Il-President ta' Malta mbagħad stabbiliet it-3 ta' Ġunju meta għandha ssir Elezzjoni Ġenerali għall-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

Dan setgħet tagħmlu fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilha mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

Wara, il-President ta' Malta rċeviet fil-Palazz San Anton lill- Kummissjunarju Elettorali Prinċipali, is-Sur Joseph Church u, permezz ta' *writ* inkarigat lilu u lis-Sur Mario Callus, lil Dr Noel Cutajar, lis-Sur Paul Sammut, lis-Sur Salvu Sant, lil Dr Victor Scerri, lis-Sur Joseph Scicluna, lil Dr Raymond Zammit u lil Dr Joe Zammit Maempel, bħala Kummissjonarji Elettorali, biex jieħdu ħsieb li ssir elezzjoni ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati, skont il-liġi, għall-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet, ir-Raba', il-Ħames, is-Sitt, is-Seba', it-Tmien, id-Disa', l-Għaxar, il-Ħdax, it-Tnax u t-Tlettax-il Distrett Elettorali.

Il-President ta' Malta rċeviet ukoll lill-*iSpeaker* tal-Kamra tad-Deputati, Dr Anġlu Farrugia u infurmatu b'dawn l-iżviluppi.

Sadattant, ġimgħa qabel, il-President ta' Malta, wara li ħadet parir mingħand il-konsulenti kostituzzjonali tagħha, sejħet separatament lill-Prim Ministru u lill-Kap tal-Oppożizzjoni.

Fi stqarrija, hi qalet li: "f'dan l-istadju, mhux se nkun qed nagħmel dikjarazzjonijiet biex l-istituzzjonijiet indipendenti jagħmlu xogħolhom. Malta hi demokrazija u l-liġi trid tiġi osservata minn kulħadd".



Ritratt: L'Osservatore Romano

Il-familja Maltija li rrappreżentat lill-familji tal-Azzjoni Kattolika minn madwar id-dinja f'laqgħa mal-Papa waqt it-Tieni Kungress Internazzjonali dwar l-Azzjoni Kattolika

Iltaqa' t-Tieni Kungress Internazzjonali dwar l-Azzjoni Kattolika

## Familja Maltija rrappreżentat il-familji fl-AK f'Ruma

Il-Papa Franġisku fil-bidu tat-Tieni Kungress Internazzjonali dwar l-Azzjoni Kattolika ltaqa' ma' diversi persuni li jirrappreżentaw realtajiet differenti, fosthom ma' familja Maltija li rrappreżentat il-familji fl-AK.

Il-Kungress Internazzjonali ltaqa' fl-Awla tas-Sinodu fil-Vatikan u l-Azzjoni Kattolika Maltija kienet rappreżentata mill-President Ġenerali Josef DeBono, mill-President tal-AK Għawdex Antoine Vassallo, mill-Viċi President Ġenerali Maria Cachia u mill-Assistent Ekklesjastiku taż-ŻAK Fr Reuben Gauci.

Attendew għall-Kungress Kardinali, Isqfijiet, saċerdoti u lajċi minn 50 pajjiż differenti. Kienu wkoll rappreżentati organizzazzjonijiet internazzjonali li twieldu jew ispiraw ruħhom mill-AK.

Il-familja Maltija li rrappreżentat il-familji fl-AK kienet dik tal-President Ġenerali magħmula minnu, minn martu Daniela u minn uliedhom Gabriel, Francesca u Luke.

Josef DeBono mitlub minn *Il-Leħen* jaqsam l-esperjenza tal-familja tiegħu dwar din il-laqgħa qasira mal-Papa qal li dan kien mument speċjali ħafna. "Diffiċli biex niddeskrivi dak li qed ngħożż f'qalbi bħalissa", qal il-President Ġenerali tal-AK. "Min jaf il-Mulej x'qed jgħidilna b'din il-laqgħa?"

Hu qal li flimkien ma' Daniela, il-persuna li għal dawn l-aħħar 22 sena tatu l-opportunità jitgħallem iħobb u li jiġi maħbub, imdawrin bit-tfal tagħhom li huma l-frott tal-imħabba li mas-snin kibret fi Kristu u, mill-ġenituri tagħhom, l-ewwel persuni li bl-eżempju u bis-sagrifiċċji kbar tagħhom ħabbewhom u għallmuhom x'jiġifieri l-vera mħabba, "iltqajna mal-Papa, il-persuna li tirrappreżenta lil Kristu fid-dinja".

"Barra minnhekk, iltqajna miegħu f'isem il-miljuni ta' familji tal-Azzjoni Kattolika u qsamna dan il-mument ma' tant persuni li ġenwinament ferħu magħna".

Josef DeBono temm li din hi responsabbiltà kbira u "rridu nkomplu nfittxu xi jrid Alla minna".

Ara wkoll paġni 13-16

## Fi Pjazza San Pietru l-Ħadd, 30 t'April 2017

# 100,000 persuna jiċċelebraw l-Azzjoni Kattolika



**Josef DeBono** – *josefdebono@akmalta.org*
President Ġenerali AKM

Taħt sema li donnu libes għall-okkażjoni, fi ħdan il-kolonnat ta' Pjazza San Pietru, għadd kbir ta' tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani ngħaqdu biex jifirħu b'xulxin u bil-150 sena ta' ħidma tal-Azzjoni Kattolika fl-Italja u madwar id-dinja.



Parti mill-folla li attendiet għall-"festa" fi Pjazza San Pietru nhar il-Ħadd

It-30 t'April 2017 wera li din il-familja kbira tilqa' fiha lil kulħadd bla ebda distinzjoni. Kien hemm nies minn kull kontinent u minn kull mixja tal-ħajja. Minn ħaddiema tal-idejn sa professuri li jgħallmu fl-aqwa universitajiet. Familji sħaħ, persuni li qed jgħixu s-sejħa tagħhom b'modi differenti, saċerdoti u mexxejja tal-Knisja, kollha riedu juru li għalihom l-A.K. fissret u tfisser ħafna.

Kollha ltaqgħu mhux biex jitpaxxew b'dak li għadda imma biex b'ħerqa jaraw kif se jgħixu l-preżent biex jiżguraw futur aħjar lis-soċjetajiet li jgħixu fihom.

Kienet tgħanniqa ta' mħabba reċiproka, l-imħabba li tisboq kull differenza. Kienet tiġdid tas-sapport u l-fiduċja li l-ġerarkija tal-Knisja għandha lejn l-A.K. Xhieda ta' dan kienet il-preżenza ta' għadd kbir ta' Kardinali u Isqfijiet minn pajjiżi differenti. Dawn mhux biss kienu preżenti għal din il-ġurnata imma għixu l-mumenti kollha flimkien mar-rappreżentanti tal-A.K. minn madwar id-dinja mill-Ħamis 27 t'April.

Il-Papa Franġisku nnifsu għamel sagrifiċċju kbir biex kien mal-A.K. kemm fis-27 waqt it-tieni Kungress Internazzjonali dwar l-A.K., ġurnata qabel il-vjaġġ appostoliku fl-Eġittu, kif ukoll f'din il-ġurnata, ftit sigħat biss wara li wasal lura mill-Eġittu.

Fid-diskors li għamel, il-Papa sostna kif idea ta' żewġ persuni 150 sena ilu, Mario Fani u Giovanni Aquaderni, wasslet biex tant nies għamlu mixja ta' fidi fi ħdan il-Knisja. Semma għadd ta' nies li b'sagrifiċċju kbir u b'ġenerożità esperjenzaw l-imħabba ta' Kristu u kkontribwew għall-bini ta' soċjetà "aktar ġusta, fraterna u solidali". Sellem lil persuni qaddisin tal-A.K. li kienu ta' xhieda tal-messaġġ ta' Kristu.

Il-Papa wissa li storja twila m'għandhiex isservi biex nimxu b'għajnejna lura. Lanqas biex inħarsu lejn il-mera jew biex nitpaxxew fuq xi pultruna. L-istorja għandha twassalna biex nifhmu li nistgħu nkunu poplu li jimxi flimkien, li jieħu ħsieb kulħadd billi naqsmu ma' xulxin u billi nkunu ta' għajnuna għal xulxin waqt li nikbru umanament u fil-fidi tagħna. "B'hekk kulħadd iduq mill-ħniena ta' Alla".

"Kuraġġ", qal il-Papa, "kunu poplu dixxipli-missjunarji li jgħixu u jixhdu l-ferħ għax Alla jħobbna b'mod infinit, u li tkunu nies li tħobbu l-istorja li qed tgħixu! B'ħajjitkom agħmlu unur lill-istorja tagħkom u lil dawk l-irġiel u nisa li ġew qabilkom!"

Il-Papa Franġisku ħeġġeġ lil-lajċi tal-A.K. biex jgħixu għas-servizz tad-Djoċesi u madwar l-Isqfijiet tagħhom. Enfasizza l-importanza li jaħdmu fil-parroċċi għax "dawk huma l-postijiet fejn il-Knisja tgħix qalb in-nies.

"Għixu l-qdusija fil-ħajja ta' kuljum. Għixu l-fidi billi tibqgħu fil-postijiet fejn tgħixu u tkunu, iddjalogaw u ltaqgħu mal-oħrajn u kunu viċin ta' xulxin".

L-aħħar appell tal-Papa kien biex il-membri tal-A.K. jibqgħu viċin tal-familji, biex ikunu ppreparati jieħdu responsabbiltà politika, biex jaħdmu għall-ġustizzja soċjali u speċjalment biex imorru fil-periferiji biex ikunu ta' xhieda ta' Knisja hemm ukoll. Il-Papa Franġisku stieden lil-lajċi biex jaħdmu anki ma' nies li, għalkemm forsi jaħsbuha b'mod differenti minnhom, ikunu nies li bħalhom ifittxu l-paċi u l-ġustizzja.

Il-mixja ta' dawk preżenti minn Pjazza San Pietru lejn l-istazzjon tal-ferrovija u lejn l-ajruport ta' Ruma fi tmiem din iċ-ċelebrazzjoni kienet ukoll waħda simbolika. Il-100,000 persuna preżenti ħallew dak il-post mhux b'nostalġija għal dik il-ġurnata memorabbli imma b'determinazzjoni li flimkien ma' miljuni oħra jikbru bħala dixxipli-missjunarji fis-snin li ġejjin.



Ritratti: Deborah Bonnici Schembri

"Inħossni parti minn din il-familja; missieri, ommi u n-nanna kienu tal-Azzjoni Kattolika" – Il-Papa Franġisku

> Kuraġġ kunu poplu dixxipli-missjunarji li jgħixu u jixhdu l-ferħ għax Alla jħobbna b'mod infinit u kunu nies li tħobbu l-istorja li qed tgħixu

# L-Azzjoni Kattolika

## Missjoni ma' kulħadd u għal kulħadd

Catholic Action is mission with everyone and for everyone II International Congress Rome | Vatican City | 27-30 April 2017

Fil-jiem ta' qabel is-27 t'April bdew jinġabru flimkien lajċi impenjati fl-Azzjoni Kattolika minn diversi pajjiżi flimkien ma' Isqfijiet u saċerdoti mid-djoċesi u l-parroċċi tagħhom.

Sa nhar il-Ħamis 27 t'April in-numru totali kien ilaħħaq mat-300 persuna minn 50 pajjiż differenti. Għat-tieni kungress internazzjonali dwar l-AK kien hemm sitt Kardinali, 27 Isqof, 51 saċerdot u 220 lajk. Barra l-AK kienu rrappreżentati 14-il organizzazzjoni internazzjonali li ħafna minnhom twieldu jew ispiraw ruħhom mill-AK kif ukoll erba' Konferenzi Episkopali Kontinentali.



Intervent ta' wieħed mill-Kardinali waqt il-Kungress Internazzjonali dwar l-Azzjoni Kattolika

Ritratti: Forum Internazzjonali Azzjoni Kattolika

Il-ġurnata bdiet b'Quddiesa mmexxija mill-Kardinal Pietro Parolin, is-Segretarju tal-Istat tal-Vatikan, fil-Bażilka ta' San Pietru. Wara kulħadd inġabar fl-Awla tas-Sinodu fejn bdiet il-ħidma marbuta mat-tema.

Saru diversi interventi marbuta mal-erba' punti prinċipali li ntgħażlu biex tiġi studjata din it-tema. Dawn kienu: l-*Evangelii Gaudium* bħala l-gwida tal-Azzjoni Kattolika li hi skola ta' dixxipli-missjunarji; Il-Missjoni - lajċi li qed jimxu flimkien; Evanġelizzaturi bi Spirtu, il-pedagoġija tal-AK, skola ta' qdusija; Ma' kulħadd u għal kulħadd.

L-interventi saru minn Kardinali, Isqfijiet, lajċi impenjati fl-AK u lajċi li għandhom esperjenza ta' ħidma speċjalizzata fil-Knisja. Numru ta' persuni rrakkuntaw l-esperjenzi tagħhom fl-oqsma differenti. Il-Kardinal Kevin J. Farrell, il-Prefett tad-Dikasteru tal-Lajċi, il-familja u l-ħajja, mexxa l-ħin tat-talb li għalaq il-laqgħa fl-awla tas-Sinodu.

L-intervent tant mistenni tal-Papa Franġisku sar fl-ewwel nofs tal-laqgħa. L-A.K. kellha x-xorti li tqatta' sagħtejn mal-Papa, proprju lejlet il-vjaġġ storiku tiegħu fl-Eġittu. Il-Papa ltaqa' mat-tfal tal-A.K. fejn għal kwarta tkellmu miegħu u qasmu ħsibijiet dwar l-A.K. u l-Knisja.

Wara l-Papa daħal fl-Awla tas-Sinodu fejn, wara diskors ta' merħba mill-Koordinatur tas-Segretarjat, iltaqa' ma' diversi persuni li jirrappreżentaw realtajiet differenti fl-A.K. Fost dawn kien hemm familja Maltija li rrappreżentat il-familji tal-A.K.

Il-Papa għamel diskors qawwi ħafna fejn stieden lill-A.K. biex tkun protagonista fir-realtajiet differenti tal-Knisja mingħajr ma tintilef f'dettalji li aktar iservu biex tidher sabiħa milli biex twassal lil Kristu għand kemm jista' jkun nies.

Il-ġurnata għalqet billi l-parteċipanti kollha nqasmu fi gruppi u żaru esperjenzi missjunarji konkreti li qed isiru f'Ruma.



Il-Papa Franġisku waqt id-diskors tiegħu fil-Kungress Internazzjonali dwar l-Azzjoni Kattolika

Punti mid-diskors tal-Papa Franġisku

## L-Azzjoni Kattolika trid tgħix il-ferħ u tevanġelizza



Fr Reuben Gauci – reubengauci79@gmail.com
Assistent Ekkleżjastiku taż-ŻAK

- "Il-kariżma tal-Azzjoni Kattolika hi l-kariżma tal-Knisja stess inkarnata profondament fi 'illum' u fl-'hawn' ta' kull Knisja djoċesana li tiddixxerni f'kontemplazzjoni u b'ħarsa attenta, il-ħajja tal-poplu tagħha u tfittex toroq oħra ta' evanġelizzazzjoni u ta' missjoni fid-diversi realtajiet parrokkjali.
- "Ġejtu proposti Azzjoni Kattolika li toħroġ u dan hu tajjeb. Li toħroġ tfisser ftuħ, ġenerożità, laqgħa mar-realtà lil hinn mill-erba' ħitan tal-istituzzjoni u tal-parroċċa.
- "Hemm frażi li qatt m'għandha tintuża: 'Dejjem sar b'dal-mod'. Dil-frażi, ħa ngħidilkom, hi ħażina. Aħna rridu dejjem ninbidlu għax iż-żmien jinbidel. Dak li ma jinbidilx hu t-tħabbira ta' Kristu, l-attitudni missjunarja, it-talb, il-bżonn tat-talb, il-bżonn li tkun iffurmat u l-bżonn tas-sagrifiċċji. Dawn ma jinbidlux. Tridu ssibu mod kif tagħmluhom imma ma jinbidlux. Imma 'dejjem sar hekk' għamlet tant ħsara fil-Knisja u tkompli tagħmel ħafna ħsara fil-Knisja".
- Waqt li rrifera għat-72 dixxiplu mibgħuta minn Ġesù, hu qal: "Iva, huma kellhom esperjenza ta' Ġesù. Huma kienu jafu l-essenza tal-messaġġ Nisrani. Huma kienu jafu l-beatitudnijiet u huma marru bil-ftit li kellhom f'dak il-mument u saħansitra d-demonji ċedew. Il-qawwa tal-predikazzjoni, tax-xhieda, flimkien ma' dak li għandek fil-mument hu neċessarju għal dak il-mument.
- "Kemm-il darba Ġesù jħabbat minn ġewwa tal-bibien tal-knejjes tagħna biex noħorġu.
- "Ħudu inizjattiva, ipparteċipaw, akkumpanjaw, agħmlu l-frott u ffesteġġjaw. Pass 'il quddiem 'il barra, inkarnati u mexjin flimkien. Dan diġà hu frott biex tiffesteġġjaw. Ikkontaġġjaw bil-ferħ tal-fidi.
- "Tagħżux fit-tentazzjoni tal-istrutturaliżmu. Inkuraġġixxu l-membri biex japprezzaw il-missjoni wiċċ imb wiċċ u tikklerikalizzawx il-lajċi. Li l-aspirazzjoni tal-membri tagħkom ma tkunx li jkunu parti mis-sinedriju tal-parroċċa u li 'jdawru' l-Kappillan imma l-passjoni għas-saltna. Tinsewx għalhekk li tieħdu t-tema tal-vokazzjoni bis-serjetà.
- "Kunu spazji ta' laqgħa għall-kumplament tal-kariżmi istituzzjonali u tal-movimenti li jinsabu fil-Knisja. Kunu 'l-id it-twila tal-ġerarkija', 'il bogħod milli jħarsu lejn l-oħrajn minn fuq għal isfel. Hi responsabbiltà kbira ħafna li timplika fedeltà u koerenza f'dak li l-Knisja turi f'kull mument tal-istorja.
- "Il-passjoni Kattolika, il-passjoni tal-Knisja, hi li tgħix l-ferħ ħelu u konfortanti li tevanġelizza. Dan hu li għadha bżonn l-Azzjoni Kattolika".

Is-Seba' Assemblea tal-Forum Internazzjonali tal-Azzjoni Kattolika (FIAC)

# Okkażjoni biex il-lajċi jaqsmu flimkien l-esperjenzi, it-tħassib u l-opportunitajiet

Il-ġranet f'Ruma komplew bl-Assemblea tal-Forum Internazzjonali tal-Azzjoni Kattolika (FIAC). Dan hu mument li jiġi kull tliet snin.

L-iskop hu li jiltaqgħu l-membri tal-Azzjoni Kattolika minn diversi pajjiżi fid-dinja, ikollhom ħin biex jiddiskutu dak li sar u jippjanaw għas-snin li jkunu ġejjin. Bħalissa l-FIAC għandha 27 pajjiż membru sħiħ minn erba' kontinenti u 37 membru-osservatur minn ħames kontinenti.

Din hi okkażjoni biex il-lajċi, flimkien mal-Assistenti Ekkleżjastiċi jaqsmu flimkien l-esperjenzi, it-tħassib u l-opportunitajiet li għandhom fir-realtajiet ta' pajjiżhom. Kienet ukoll opportunità biex nibtu u kibru diversi kollaborazzjonijiet bejn pajjiżi differenti.

Kif mistenni, il-ħidma matul l-Assemblea kienet ispirata mid-diskors li l-Papa Franġisku għamel lill-A.K. fil-ġurnata ta' qabel.

Ġie elett koordinament ġdid magħmul mill-Presidenti Nazzjonali tal-A.K. tal-Arġentina, l-Italja, Spanja, il-Burundi u s-Senegal. Dan se jkun qed imexxi il-ħidma tal-FIAC fl-erba' snin li ġejjin.






Ritratti: Forum Internazzjonali Azzjoni Kattolika





Ritratt: Marija Cachia

L-ewwel ċentinarju mid-dehriet tal-Madonna ta' Fatima

## Pellegrinaġġ Nazzjonali

Mill-parroċċa Stella Maris, Tas-Sliema għall-parroċċa Madonna ta' Fatima, Gwardamanġa

**Il-Ġimgħa, 12 ta' Mejju fis-6 p.m.**



Ikun hemm taħdita dwar id-dehriet ta' Fatima, Quddiesa, l-ewwel parti tal-pelleginaġġ u, wara li l-pellegrini jaqsmu bil-baħar minn Tas-Sliema għal Tal-Pjetà, jitkompla l-pellegrinaġġ għas-santwarju Madonaa ta' Fatima fejn issir il-konsagrazzjoni tal-familji

Imexxi l-pellegrinaġġ l-Arċisqof Emeritu Pawlu Cremona O.P.

# Esperjenzi ta' parti mid-delegazzjoni Maltija li ħadet sehem fl-attivitajiet kollha

**Antoine Vassallo, il-President Djoċesan tal-AKM, Għawdex**

Bqajt impressjonat bil-parteċipazzjoni qawwija ta' Isqfijiet. Konferma ta' x'importanza għandha l-Azzjoni Kattolika.

It-taħlita ta' lingwi u kuluri li għexna, bla distinzjoni, inħoss li tawni xokk ta' ri-invigorazzjoni. Imbagħad kellna l-esperjenzi tal-laqgħat mal-Papa.

Ma tantx hu faċli – anzi impossibbli għalija – tiddeskrivi fi kliem sempliċi dawk is-sigħat. X'emozzjonijiet!

Ġa bdejt nenfasizza fil-laqgħat il-kelma "passjoni" li użalna l-Papa Franġisku: jiġifieri bl-aqwa ħeġġa, akkost tas-sagrifiċċju.

Inħarsu 'l quddiem b'viżjoni li noħorġu bi sforz missjunarju: ta' xandir u xhieda b'sehem sħiħ mil-lajċi.

L-appostolat tagħna mhuwiex sempliċement biex nimlew it-toqob imma hu essenzjali sa mill-Magħmudija, bil-ministerjalità ċara.

**Marija Cachia, il-Viċi-President tal-AKM**

F'dawn il-ġranet esperjenzajt il-Knisja Universali hekk kif iltqajt ma' bosta nies minn pajjiżi differenti fejn hemm gruppi tal-Azzjoni Kattolika. Rajt kemm hemm xogħol li jsir minn wara l-kwinti biex il-ħidma mal-lajċi tkun tista' tikber.

Għext l-emozzjoni ta' laqgħat mal-Papa Franġisku li kompla jħeġġiġna biex, bħala membri tal-AK noħorġu mill-kumdità tagħna lejn il-periferiji fejn l-iktar hemm bżonna.

Nittama li nilqa' l-isfidi li hu qiegħed quddiemna biex il-ferħ tal-Vanġelu jkun jista' jasal għand kulħadd.

Minn fost il-ħafna sfidi li qegħdilna quddiemna l-Papa, l-iżjed punti li nħoss li l-AK Maltija għandha taħdem fuqhom huma li ma naqgħu qatt fin-nassa ta' "għax dejjem hekk għamilna". Minflok għandna nfittxu mezzi ġodda ta' evanġelizzazzjoni li huma validi għaż-żmien tal-lum. It-tieni punt hu li m'għandniex inkunu spazju magħluq imma għandna ninfetħu għal kulħadd.



Id-delegazzjoni tal-Azzjoni Kattolika Maltija f'Ruma għall-Kungress Internazzjonali dwar l-Azzjoni Kattolika li kienet magħmula minn Fr. Reuben Gauci – Assistent Ekkleżjastiku taż-ŻAK, Marija Cachia – Viċi President Ġenerali, Josef DeBono – Preisdent Ġenerali u Antoine Vassallo – President AK Għawdex. Huma attendew ukoll għall-Assemblea tal-Forum Internazzjonali tal-Azzjoni Kattolika

## Esperjenzi ta' persuni li pparteċipaw fil-festa fi Pjazza San Pietru

**Ivy Fleri, il-President tal-Fergħa Nisa**

Li nkun daqshekk qrib il-Papa fi Pjazza San Pietru waqt din il-festa kien privileġġ kbir u ħassejtni kuntenta li nappartjeni għal din il-familja kbira ta' lajċi impenjati fil-Knisja Kattolika.

L-entużjażmu, il-ferħ u l-għaqda fost il-membri preżenti ta' kull età flimkien mad-diskors tal-Papa tagħmilli kuraġġ u tħeġġiġni fil-ħidma tiegħi fl-AKM. Lin-nies tal-età tiegħi ngħidilhom li m'għandhomx jaqtgħu qalbhom għax dejjem hemm xi ħaġa li jistgħu joffru lill-AK.

**Mary Anne Muscat, Ċirkolu Nisa Ħaż-Żebbuġ**

Il-fatt li konna ftit metri bogħod mill-Papa wkoll kien biżżejjed biex tibda tħabbat qalbek u xi demgħa toħroġ ukoll.

L-aktar ħaġa li laqtitni mill-messaġġ tal-Papa kienet: "tibqgħux bilqegħda ma tagħmlu xejn! Qumu u ħudu azzjoni!" Fiha ħafna x'tifhem meta tgħid li aħna 'tal-Azzjoni' mhux isem biss! Allura jien u ġejja lura għedt li ma jistax ikun li ma ngħaddix dan il-messaġġ (fost oħrajn) lill-membri tagħna.

Ħaġa oħra li impressjonatni kien l-entużjażmu taż-żgħażagħ tal-AK u ta' oħrajn li kien hemm. Il-ferħ kien jittieħed. Trid tkun hemm biex wieħed jifhem x'irrid ngħid għax ma nistax inpoġġi fi kliem dik 'l-elettriċità' li dawn iż-żgħażagħ bdew jittrasmettu. Meta rajt hekk għedt: "il-Knisja għandha futur". Ħassejtni kburija li jien nagħmel parti minn din il-Knisja hekk sabiħa.



Ritratt: Marija Cachia

Uħud miż-żgħażagħ Maltin tal-Azzjoni Kattolika fi Pjazza San Pietru

**Mary Rose Borg, Ċirkolu Nisa Ħaż-Żebbuġ**

Li nkun daqshekk viċin tal-Papa l-Ħadd filgħodu kien għalija privileġġ kbir. Kienet l-ewwel darba li żort Ruma u ż-żjara fil-Vatikan kienet veru emozzjonanti kemm bħala Kattolika kif ukoll bħala membru tal-AK.

Kif qal il-Papa, irridu nkunu veru azzjoni kull fejn inkunu speċjalment ma' dawk li jħossuhom waħidhom. Bl-eżempju u bl-imġiba tagħna nigbdu aktar nies.

B'hekk aktar żgħażagħ jidħlu fl-Azzjoni Kattolika ħalli din l-għaqda tibqa' b'saħħitha.

**Franziska Grech, ŻAK Mosta**

Kienet esperjenza verament sabiħa li flimkien ma' membri oħra tal-Azzjoni Kattolika Maltija kif ukoll oħrajn minn madwar id-dinja ċċelebrajna dan l-anniversarju f'Ruma. Il-kliem tal-Papa ħeġġiġni biex napprezza l-ħidma li bħala membru nagħti fl-AKM għax grupp tal-AK mhuwiex hemm biss għall-isem iżda biex ikun membru attiv fil-komunità, sors ta' mħabba u kambjament fil-komunità.

Fuq kollox din l-esperjenza għenitni nsir naf nies oħra li jħaddnu l-istess valuri u passjoni.

**Deborah Bonnici Schembri, ŻAK**

Din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi f'attività internazzjonali tal-Azzjoni Kattolika. Attivitajiet bħal dawn jagħtuk ħeġġa u jagħmlulek kuraġġ biex tkompli taħdem iktar u tikkollabora ma' nies oħra li għandhom l-istess skop. Anki l-Papa f'bosta okkażjonijiet qalilna "qumu minn fuq is-sufan u ħudu azzjoni".

Lili personali din tispirani biex inkompli naħdem ma' żgħażagħ u ninkoraġġihom ukoll biex iqumu minn fuq is-sufan u dak kollu li jġagħalhom ikunu komdi ħalli jieħdu azzjoni, azzjoni Kattolika.